# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA KOST.01

## REGOLAMENTI TAL-KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

17 ta' Awissu, 1960

*L-AVVIŻ LEGALI 32 tal-1960, kif adattat bl-Ordni tal-1964 dwar l-Indipendenza ta' Malta u bl-Att LVIII tal-1974, u kif emendat bl-Avviżi Legali 121 tal-1977, 299 tal-2009 u 246 tal-2012.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il-darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir. *Emendat: A.L. 299 tal-2009. Sostitwit: A.L. 246 tal-2012.*

"*Chairperson*" tfisser iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni, u tinkludi d-*Deputy Chairperson* jew kull persuna oħra maħtura biex taġixxi temporanjament ta' *Chairperson*;

"kap ta' dipartiment" tfisser il-kap ta' xi dipartiment tal-Gvern elenkat fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, imma għall-fini ta' dawn ir-regolamenti tinkludi wkoll: Kap. 497.

(*a*) Segretarji Permanenti; u

(*b*) kull uffiċjal pubbliku ieħor jew awtorità oħra, li ma jkunux kap ta' dipartiment, li lilhom tkun ġiet delegata s-setgħa li jaħtru persunal skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

u "dipartiment tal-Gvern" jew "dipartiment" għandha tinftiehem skont hekk:

Iżda d-Direttur jew id-Direttur Ġenerali li jkun responsabbli għall-immaniġġar tar-riżorsi umani f'xi ministeru jista', jekk is-Segretarju Permanenti tal-ministeru hekk jordna, jaġixxi taħt dawn ir-regolamenti f'isem is-Segretarju Permanenti jew f 'isem il-kap ta' xi dipartiment li jaqa' taħt is-sorveljanza ta' dak is-Segretarju Permanenti;

"membru" tfisser kull membru tal-Kummissjoni kif ukoll iċ-*Chairperson*, id-*Deputy Chairperson*, u membru temporanju;

"*Panel* ta' Għażla Permanenti" tfisser *panel* imwaqqaf skont ir-regolament 14(1);

"prinċipju tal-mertu" għandha tiftiehem skont l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Segretarju Eżekuttiv" tfisser is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

"Segretarju Permanenti" tfisser persuna maħtura skont l-artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni;

"Segretarju Permanenti Ewlieni" tfisser il-persuna maħtura skont l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

Segretarju Eżekuttiv u persunal.
*Sostitwit:*
*A.L. 299 tal-2009.*
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

3. (1) Il-Prim Ministru għandu jaħtar Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, u dak il-persunal l-ieħor li minn żmien għal żmien jidhirlu meħtieġ.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv u l-membri l-oħra tal-persunal tal-Kummissjoni għandhom ikunu imjegati b'dawk il-pattijiet ta' servizz kif il-Prim Ministru jordna.

Delega ta' xi setgħat jew dmirijiet.
*Sostitwit:*
*A.L. 246 tal-2012.*

4. Il-Kummissjoni tista' b'riżoluzzjoni tiddelega liċ-*Chairperson* jew lil membru ieħor jew membri oħra kull waħda mis-setgħat jew dmirijiet tal-Kummissjoni barra mill-għoti ta' parir lill-Prim Ministru fil-ħwejjeġ li ġejjin li jolqtu uffiċjal pubbliku:

(1) tmiem ta' ħatra;

(2) azzjoni ta' dixxiplina;

(3) meta jirtira mis-servizz pubbliku min jgħalaq ħamsin sena jew wara; u

(4) meta jiġġedded servizz ta' prova.

Laqgħat u minuti.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

5. (1) Kull laqgħa tal-Kummissjoni għandha tkun presjeduta miċ-*Chairperson* jew fl-assenza tiegħu mid-*Deputy Chairperson*.

(2) Għandu jinżamm notament tal-membri preżenti u tax-xogħol li jkun tmexxa f'kull laqgħa tal-Kummissjoni.

Ċirkolazzjoni tal-karti.

6. Jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet mill-Kummissjoni mingħajr laqgħa biċ-ċirkolazzjoni tal-karti rilevanti fost il-membri u bili juri l-fehmiet tagħhom bil-miktub, iżda kull membru jkollu dritt li jitlob li kull deċiżjoni bħal dik tiġi differita sakemm il-ħaġa tiġi meqjusa f'laqgħa tal-Kummissjoni.

*Quorum*, votazzjoni u nuqqas ta' qbil.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

7. (1) Iċ-*Chairperson* u membru wieħed ikunu *quorum* għal votazzjoni u laqgħa tal-Kummissjoni u l-istess numru ta' membri jkun meħtieġ għal deċiżjoni tal-Kummissjoni milħuqa b'riżultat ta' ċirkolazzjoni tal-karti.

(2) Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kummissjoni, li ma jkunux deċiżjonijiet li ġew delegati liċ-*Chairperson* jew membru ieħor skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 4, kemm jekk milħuqa f'laqgħa jew permezz taċ-ċirkolazzjoni tal-karti, ikunu b'maġġoranza ta' voti tal-membri preżenti u li jivvotaw jew b'maġġoranza ta' membri li juru l-fehmiet tagħhom fuq il-karti ċirkolati, skond il-każ:

Iżda *Chairperson* ikollu t-tieni vot jew vot deċiżiv kull meta l-votazzjoni jew il-fehmiet ikunu indaqs.

(3) Kull membru jkollu dritt ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni u dan il-fatt u r-raġunijiet tiegħu jiġu murija fin-notamenti tal-Kummissjoni.

Dokumenti privileġġati.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

8. Kull rapport, dikjarazzjoni jew kommunikazzjoni oħra jew notament ta' kull laqgħa, inkjesta jew proċeduri li l-Kummissjoni tista' tagħmel fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha jew li xi membru jista' jagħmel fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, ikunu privileġġati billi l-produzzjoni tagħhom ma tistax tiġi ordnata f'ebda proċeduri legali kemm il-darba ċ-*Chairperson*, fid-

diskrezzjoni tiegħu wara konsultazzjoni mal-membri, ma jiċċertifikax li dik il-produzzjoni mhiex kontra l-interess pubbliku.

Privileġġ tal-membri.

9. Kull membru tal-Kummissjoni jkollu dik l-istess protezzjoni u privileġġ fil-każ ta' xi kawża jew talba miġjuba kontra tiegħu għal xi att magħmul jew li jkun naqas milli jagħmel fil-qadi in bona fede tad-dmirijiet tiegħu kif inhu mogħti bil-liġi għall-atti magħmula jew diskors minn wieħed mill-imħallfin f'Malta fil-qadi tal-kariga ġudizzjarja tiegħu.

Ma jista' jinkixef ebda tagħrif.
*Emendat:*
*A.L. 299 tal-2009;*
*A.L. 246 tal-2012.*

10. Ebda membru tal-Kummissjoni, jew is-Segretarju Eżekuttiv, jew xi membru tal-persunal tal-Kummissjoni, jew xi ħaddieħor ma għandu mingħajr il-permess bil-miktub tal-Prim Ministru jippubblika jew jikxef lil xi persuna ħlief fil-qadi tal-funzjonijiet uffiċjali tiegħu l-kontenut ta' xi dokument, kommunikazzjoni jew tagħrif ikun li jkun li jkun sar jaf bih fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jikkostitwixxi ksur ta' dixxiplina.

Parir mill-kumissjoni.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

11. Il-Kummissjoni għandha, meta hekk mitluba minn jew f'isem il-Prim Ministru, tagħti lill-Prim Ministru parir dwar -

(*a*) il-ħatra u promozzjoni ta' uffiċjali pubbliċi li jkunu meħtieġa li jsiru minn jew li jiġu approvati mill-Prim Ministru, li ma jkunux dwar karigi li huma esklużi milli jiġu riferiti lill-Kummissjoni skond it- termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(*b*) il-konferma fil-ħatra tagħhom ta' uffiċjali pubbliċi li jkunu fis-servizz bi prova u meta dik il-ħatra tiġi mtawla jew mitmuma;

(*ċ*) meta xi uffiċjal pubbliku jiġi mġiegħel jirtira wara li jagħlaq il-ħamsin sena;

(*d*) il-ħatra ta' uffiċjali pubbliċi biex jaqdu temporanjament id-dmirijiet ta' karigi li ma jkunux dawk li għalihom ikunu ġew fil-fatt maħtura.

Kriterji li għandhom jiġu mħarsa.
*Emendat:*
*A.L. 121 tal-1977.*
*Sostitwit:*
*A.L. 246 tal-2012.*

12. Meta tkun qiegħda tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-ħatra jew il-promozzjoni ta' uffiċjali fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni għandha tara li jinżamm grad għoli ta' effiċjenza meħtieġa fis-servizz pubbliku. Vakanzi għandhom jiġu mxandra permezz tal-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal applikazzjonijiet li għandhom, bla ħsara għar-regolament 13 -

(*a*) ikunu jqisu kif dovut lil uffiċjali li jkollhom il-kwalifika u li jkunu jservu fis-servizz pubbliku; u

(*b*) fil-każ ta' uffi'jali fis-servizz pubbliku, jieħdu kont tal-meritu, esperjenza u kwalifiki qabel l-anzjanità fis-servizz:

Iżda jekk il-Kummissjoni tkun sodisfatta li, fiċ-ċirkostanzi, sejħa għall-applikazzjonijiet ma tkunx adatta, din tista' tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha mingħajr dik is-sejħa għall-applikazzjonijiet jew xandir ieħor.

Xandir.
*Emendat:*
*A.L. 426 tal-2012.*

13. Il-Kummissjoni għandha tiddeċidi l-għamla ta' xandir magħmul skont ir-regolament 12. Il-kwalifiki speċifikati f'xandir bħal dak għandhom ikunu dawk approvati mill-Prim Ministru

għall-vakanza taħt kunsiderazzjoni.

*Panels* ta' Għażla Permanenti u *boards* ta' għażla. *Sostitwit: A.L. 246 tal-2012.*

14. (1) Is-Segretarju Permanenti ta' kull ministeru għandu, bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jistabbilixxi *Panel* ta' Għażla Permanenti magħmul minn persuni idoneji u kompetenti li darba kienu uffiċjali pubbliċi u, jew li mhumiex uffiċjali pubbliċi.

(2) Il-membri tal-*Panel* ta' Għażla Permanenti għandhom iservu fuq dak il-*panel* għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar hekk li dan il-perjodu jista' jiġġedded, bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni, għal perjodi oħra ta' tnax-il xahar:

Iżda membru ta' *Panel* jista' jitneħħa mill-Kummissjoni, skont id-diskrezzjoni tagħha, f'kull waqt.

(3) Meta jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati rakkomandazzjonijiet għall-ħatra jew il-promozzjoni ta' xi uffiċjal fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni tista' -

(*a*) tikkonsulta lil kull min ikun jidhirilha; u

(*b*) tieħu l-parir ta' *board* ta' għażla mwaqqaf mill-kap ta' dipartiment, li jista' jaħtar fih uffiċjali pubbliċi idoneji u kompetenti u, jew persuni elenkati fil-*Panel* tal-ministeru rilevanti:

Iżda l-*board* ta' għażla għandu jkun jinkludi tal-inqas persuna waħda li tkun uffiċjal pubbliku li għadu jokkupa dik il-kariga.

(4) Ħlief safejn il-Kummissjoni tista' tordna mod ieħor, ebda *board* tal-għażla m'għandu jinkludi:

(*a*) membri tal-persunal tas-segretarjat tal-Prim Ministru, jew ta' ministru, jew ta' segretarju parlamentari, jew

(*b*) persuni li għandhom kariga fl-istruttura amministrattiva ta' partit politiku, jew

(*ċ*) kull uffiċjal ta' *trade union* li tirrappreżenta applikanti għall-vakanza li ser timtela'; jew

(*d*) kull persuna oħra li tista' ssib ruħha, jew tidher li ssib ruħha, f'sitwazzjoni ta' konflitt ta' interess jekk titpoġġa fuq il-*board* tal-għażla.

(5) Jekk persuna tiġi maħtura fuq *board* tal-għażla minkejja s-subregolament (4), jew is-subregolament (4) isir applikabbli għal dik il-persuna wara l-ħatra tagħha fuq il-*board* tal-għażla, dik il-persuna għandha tinforma b'dan lill-kap tad-dipartiment, li għandu jissostitwixxi dik il-persuna bħala *Chairperson* jew membru tal-*board* tal-għażla, sakemm l-ebda kandidat ma jkunx diġà ġie intervistat jew inkella evalwat b'xi mod ieħor mill-*board* tal-għażla, f'liema każ il-kap tad-dipartiment għandu jfittex direzzjonijiet mill-Kummissjoni.

Proċedura. *Sostitwit: A.L. 246 tal-2012.*

**15.** Sabiex taqdi dmirijietha taħt dawn ir-regolamenti, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, jew tara li tiġi stabbilita permezz ta' direttivi u linji gwida maħruġin bl-approvazzjoni t agħha mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, il-proċedura li għandha tiġi segwita f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjonijiet, kif ukoll il-proċeduri ta' kull bord ta' għazla maħtur mill-kap ta' dipartiment

biex jintervista lill-kandidati.

16. Sabiex tkun tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet aħjar lill-Prim Ministru għall-ħatra u promozzjoni ta' uffiċjali fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni, bla ħsara għall-istruzzjonijiet tal-Prim Ministru, tista' - Taħriġ u eżamijiet. *Emendat: A.L. 246 tal-2012.*

(*a*) tagħti parir lill-Prim Ministru dwar korsijiet ta' taħriġ, assenjazzjonijiet, u li jsiru eżamijiet;

(*b*) tagħti parir lill-Prim Ministru dwar il-koordinazzjoni u l-kontenut ta' dawk l-eżamijiet u korsijiet ta' taħriġ fid-diversi dipartimenti tas-servizz pubbliku u dwar dawn il-ħwejjeġ teżerċita f'isem il-Prim Ministru dik is-sorveljanza ġenerali li tidhrilha xierqa.

17. Fil-ħatra u promozzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal postijiet jew pożizzjonijiet li għalihom is-setgħa li jaħtar jew li jagħti promozzjoni ma tkunx ġiet delegata permezz ta' Strument ta' Delega taħt artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni mill-Prim Ministru, il-proċedura li ġejja għandha tiġi segwita: Ħatriet u promozzjonijiet. *Emendat: A.L. 299 tal-2009. Sostitwit: A.L. 246 tal-2012.*

(*a*) Meta jkun hemm vakanza f'dipartiment u l-kap tad-dipartiment iqis li għandhom jissejħu applikazzjonijiet biex timtela l-vakanza, huwa għandu jieħu azzjoni xierqa biex jistieden applikazzjonijiet minn uffiċjali pubbliċi, jew minn uffiċjali pubbliċi u oħrajn, skont il-każ.

(*b*) Jekk, fil-fehma tal-kap tad-dipartiment, huwa improbabbli li jinstab kandidat kwalifikat biex jimla l-vakanza, huwa għandu jagħmel arranġamenti għat-taħriġ li jwassal għall-akkwist tal-kompetenza meħtieġa.

(*ċ*) Il-kap tad-dipartiment għandu jiżgura li kull sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mid-dipartiment tiegħu tkun konformi mal-liġijiet applikabbli, u ma' kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra applikabbli li jirregolaw l-eliġibbiltà għall-post vakanti; u fil-ħruġ ta' dawn is-sejħiet għall-applikazzjonijiet, il-kap tad-dipartiment għandu jaġixxi skont dawk id-direttivi u linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni u kwalunkwe direttivi u linji gwida rilevanti maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni bi ftehim mal-Kummissjoni skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

(*d*) Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, jew wara petizzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet mill-applikanti, jew wara sottomissjonijiet formali mis-Segretarju Permanenti Ewlieni li d-direttivi u linji gwida rilevanti mhumiex qed jiġu osservati, tinvestiga kull proċess ta' għażla.

(*e*) Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bħala rimedju, inkluż:

(i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-għażla;

(ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi;

(iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla;

(iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2), u

(v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(*f*) Vakanzi fi, u li jappartjenu għas-servizz ġenerali għandhom ikunu rreklamati:

(i) mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, jew

(ii) minn Segretarju Permanenti ieħor fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li jista' jingħata nkarigu għal dan il-għan mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, jew

(iii) fejn Ministru jkun ġie assenjat responsabbiltà għall-Amministrazzjoni Pubblika, is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru;

u s-Segretarju Permanenti Ewlieni jew Segretarju Permanenti, skont kif ikun il-każ, għandu jitqies bħala l-kap tad-dipartiment għall-iskop tal-proċedura preskritta f'dan ir-regolament.

Vakanzi dipendenti minn eżamijiet, eċċ.

**18.** Meta vakanzi għandhom jimtlew -

(*a*) skond ir-riżultati ta' eżamijiet li jkunu saru skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 16; jew

(*b*) wara t-tmiem b'suċċess ta' għoti ta' *scholarship* maħsub biex jikkwalifika kandidat għal *status* akkademiku jew professjonali,

il-proċedura msemmmija fir-regolament 17 ma tapplikax u l-Kummissjoni għandha tagħmel dawk l-arranġamenti li jkunu xierqa.

Ħatriet bi prova.
*Emendat:*
*A.L. 299 tal-2009;*
*A.L. 246 tal-2012.*

**19.** (1) Meta uffiċjal pubbliku jkollu ħatra taħt prova, tliet xhur qabel ma jtemm iż-żmien ta' dik il-ħatra taħt prova l-kap ta' dipartiment għandu jikkunsidra -

(*a*) jekk dak l-uffiċjal għandux f'dak it-tmiem jiġi konfermat f'kariga pensjonabbli;

(*b*) jekk hux meħtieġ żmien ieħor ta' servizz taħt prova biex jistabbilixxi jekk dak l-uffiċjal għandux jiġi hekk konfermat; jew

(*ċ*) jekk dak l-uffiċjal għandux ma jibqax fis-servizz pubbliku.

(2) Jekk wara kunsiderazzjoni tal-ħwejjeġ imsemmija fis-sub-regolament (1), il-kap ta' dipartiment ikun tal-fehma illi uffiċjal

pubbliku f'ħatra taħt prova għandu jiġi konfermat f'ħatra pensjonabbli, il-kap ta' dipartiment, mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jtemm iż-żmien ta' ħatra taħt prova, għandu jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu illi l-uffiċjal għandu jiġi hekk konfermat. Il-kap ta' dipartiment għandu fl-istess ħin jibgħat kopja tar-rakkomandazzjoni tiegħu lis-Segretarju Permanenti Ewlieni li għandu jivverifika l-korrettezza tad-dettalji. Il-Kummissjoni għandha tagħti parir lill-Prim Ministru jekk l-uffiċjal għandux jiġi hekk konfermat.

(3) Jekk wara kunsiderazzjoni tal-ħwejjeġ imsemmija fis-sub-regolament (1), il-kap ta' dipartiment ikun tal-fehma illi x-xogħol jew l-imġieba ta' uffiċjal pubbliku f'ħatra taħt prova ma kenitx sodisfaċenti fis-sensi kollha, huwa għandu jgħarraf b'hekk lill-uffiċjal bil-miktub u jżid jekk hux bi ħsiebu jirrakkomanda -

(*a*) jitwal iż-żmien tas-servizz taħt prova ta' l-uffiċjal biex juri jekk jistgħax jegħleb id-difetti innutati; jew

(*b*) illi l-ħatra taħt prova ta' l-uffiċjal għandha tintemm.

Il-kap ta' dipartiment għandu fl-istess ħin jgħarraf lill-uffiċjal li għandu dritt li jagħmel sottomissjonijiet, fiż-żmien li għandu jiġi iffissat mill-kap ta' dipartiment, dwar ir-rakkomandazzjoni li ikun hemm. Wara li jintemm iż-żmien mogħti lill-uffiċjal biex jagħmel sottomissjonijiet, l-kap ta' dipartiment għandu jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv rapport dwar l-uffiċjal, flimkien ma' kopja ta' l-ittra lill-uffiċjal u tas-sottomissjonijiet ta' dan, jekk ikun hemm, b'rakkomandazzjoni jekk iż-żmien ta' servizz bi prova għandux jiġi mtawwal jew jekk l-uffiċjal m'għandux jibqa' fis-servizz pubbliku. Il-kap ta' dipartiment għandu fl-istess ħin jibgħat kopja tar-rapport u tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Segretarju Permanenti Ewlieni. Il-Kummissjoni għandha tagħti parir lill-Prim Ministru jekk il-ħatra bi prova għandhiex tiġi mtawla, u għal kemm, jew għandhiex tintemm.

(4) Meta uffiċjal pubbliku jkollu ħatra bi prova u l-kap ta' dipartiment f'kull ħin matul iż-żmien ta' dik il-ħatra bi prova jkun tal-fehma li dik il-ħatra għandha tintemm minnufih, għandha tiġi mħarsa l-proċedura skond is-sub-regolament (3).

Regolamenti ta' dixxiplina. *Emendat: A.L. 246 tal-2012.*

**20.** Meta tkun ser tagħti parir lill-Prim Ministru dwar it-tkeċċija, piena ta' dixxiplina jew tmiem ta' ħatra li ma tkunx tkeċċija ta' xi uffiċjal fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni għandha timxi skond dawk ir-regolamenti ta' dixxiplina li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu fis-seħħ f'Malta dwar dak l-uffiċjal.

Meta uffiċjal jiġi mġiegħel jirtira qabel iż-żmien. *Emendat: A.L. 299 tal-2009; A.L. 246 tal-2012.*

**21.** Meta l-kap ta' dipartiment jidhirlu li hemm raġuni l-għala uffiċjal pubbliku fid-dipartiment tiegħu, li jkun laħaq l-età ta' ħamsin sena u li jkollu kariga pensjonabbli, għandu jiġi mitlub biex jirtira mis-servizz pubbliku, il-kap ta' dipartiment għandu jirrapporta l-ħaġa flimkien ma' dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet tiegħu lis-Segretarju Permanenti Ewlieni. Jekk huwa jaħseb li jkun hemm każ *prima facie* għal dak l-irtir, is-Segretarju Permanenti Ewlieni għandu javża lill-uffiċjal illi l-irtir obbligatorju tiegħu mis-servizz pubbliku jkun qiegħed jiġi kunsidrat u jistaqsih jekk jixtieqx jagħmel xi rappreżentanzi ta' natura persunali dwar dak il-pass. Il-kap ta' dipartiment għandu jibgħat dawk ir-rappreżentanzi,

jekk ikun hemm, lis-Segretarju Permanenti Ewlieni li għandu jibgħat ir-rapport u kull rappreżentanza flimkien ma' l-osservazzjonijiet tiegħu stess lis-Segretarju Eżekuttiv, u l-Kummmissjoni għandha tagħti parir lill-Prim Ministru jekk dak l-uffiċjal għandux jiġi mitlub li jirtira.

Ħatriet ta' aġent kap.
*Emendat:*
*A.L. 299 tal-2009;*
*A.L. 246 tal-2012.*
Kap. 497.

**22.** (1) Jekk il-kap ta' xi dipartiment elenkat fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, jirrakkomanda li xi uffiċjal pubbliku ieħor għandu jaġixxi minflokú jew minflok wieħed mill-uffiċjali l-oħra fid-dipartiment tiegħu kif elenkati fit-tielet kolonna tal-imsemmija Tieni Skeda, il-kap ta' dipartiment għandu jibgħat abbozz ta' avviż għall-Gazzetta lis-Segretarju Eżekuttiv li għandu jibagħtu lill-Prim Ministru bil-parir tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, il-kap ta' dipartiment għandu jibgħat kopja tar-rakkomandazzjoni tiegħu lis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

(2) Jekk xi rakkomandazzjoni bħal dik tinvolvi li jinqabeż xi uffiċjali aktar anzjani fid-dipartiment, għandhom jiġu mibgħuta ma' l-abbozz ta' l-avviż għall-Gazzetta raġunijiet dettaljati dwar dan lil kull uffiċjal li jkun ser jinqabeż.

(3) Meta uffiċjal pubbliku li jkun ġie desinjat bħala deputat ta' kap ta' dipartiment ikollu jaġixxi f'din l-aħħar kariga, ma għandu jintbagħat xejn lill-Kummissjoni, iżda l-abbozz ta' l-avviż għall-Gazzetta għandu jiġi mibgħut mill-kap ta' dipartiment lis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

(4) Fil-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar ħatriet ta' aġent kap, il-Kummissjoni għandha tapplika l-istess gradi bħal ma hemm fir-regolament 12, ħlief li tista' tingħata wkoll kunsiderazzjoni ta' l-interess ta' l-effiċjenza dipartimentali.

Skwalifika ta' kandidati u revoka ta' ħatriet.
*Emendat:*
*A.L. 299 tal-2009.*
*Sostitwit:*
*A.L. 246 tal-2012.*

**23.** (1) Il-Kummissjoni tista' tiskwalifika, jew tordna lill-bord tal-għażla li jiskwalifika, applikant għal kariga pubblika li japplika għaliha skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jekk -

(*a*) il-ħatra ta' dak l-applikant tkun kuntrarja għal-liġi, jew il-liġi ma tippermettix lil dak l-applikant li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga jekk dan jiġi maħtur; jew

(*b*) l-applikant m'għadux jissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-kariga; jew

(*ċ*) l-applikant ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tal-kariga minħabba f'diżabilità fiżika jew mentali, u mhuwiex possibbli li tingħata akkomodazzjoni raġonevoli biex ikun jista' jaqdi dmirijietu minkejja l-kundizzjoni tiegħu; jew

(*d*) l-applikant ikun, meta jinħatar, qabeż l-età stabbilita tal-irtirar; jew

(*e*) l-applikant għandu rekord kriminali li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ma jagħmlux adatt għall-kariga; jew

(*f*) l-applikant kien imkeċċi mis-Servizz Pubbliku, jew għandu rekord dixxiplinarju li, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ma jagħmlux adatt għall-kariga; jew

(*g*) l-applikant jippreżenta informazzjoni skorretta dwar

il-kwalifiki jew l-esperjenza tiegħu jew dwar kwistjonijiet oħra ta' rilevanza diretta għall-proċess tal-għażla; jew

(*h*) l-applikant jagħmel tentattivi biex jinfluwenza l-proċess tal-għażla permezz ta' rappreżentazzjonijiet lil membri tal-bord tal-għażla, lil membri jew persunal tal-Kummissjoni, jew lil persuni oħra, b'mod li mhux permess b'dawn ir-regolamenti jew il-Public Service Management Code; jew

(*i*) il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikant ma jkunx adatt għall-kariga għal xi raġuni oħra:

Iżda qabel ma tiddeċiedi dwar l-iskwalifika ta' applikant għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija fil-paragrafi (*ċ*), (*e*), (*f*), (*g*), (*h*) u (*i*), il-Kummissjoni għandha tagħti l-opportunità lill-applikant li jissottometti rappreżentazzjonijiet bil-miktub.

(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti oħra magħmula taħt l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda r-revoka ta' ħatra magħmula skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jekk -

(*a*) il-ħatra manifestament ma kenitx konformi mal-prinċipju tal-mertu; jew

(*b*) il-persuna maħtura manifest ament ma kienitx tissodisfa r-rekwiziti ta' eliġibbiltà li kienu japplikaw għall-kariga li għaliha nħatret; jew

(*ċ*) il-persuna kisbet il-ħatra abbażi ta' frodi jew misrappreżentazzjoni; jew

(*d*) il-persuna maħtura mhix, jew m'għadhiex aktar, permessa bil-liġi li twettaq id-dmirijiet tal-kariga tagħha, jew m'għadx għandha l-kwalifiki li kienu jikkostitwixxu r-rekwiżiti tal-eliġibilità għall-kariga; jew

(*e*) il-persuna maħtura m'għadhiex kapaċi li twettaq id-dmirijiet tal-post minħabba diżabilità fiżika jew mentali, u mhuwiex possibbli li tingħata akkomodazzjoni raġonevoli biex tkun tista' taqdi dmirijietha minkejja l-kundizzjoni tagħha; jew

(*f*) joħorġu raġunijiet serji ħafna li kienu jwasslu lill-Kummissjoni li tiskwalifika lill-persuna milli tiġi meqjusa għall-kariga, li kieku l-proċess tal-għażla ma ġiex konkluż:

Iżda qabel ma tirrakkomanda r-revoka ta' ħatra taħt dan is-subregolament, il-Kummissjoni għandha tavża lill-persuna maħtura u tagħtiha l-opportunità li tissottometti rappreżentazzjonijiet personalment u, jew permezz tar-rappreżentant tagħha;

Iżda wkoll l-ebda ħatra m'għandha tkun soġġetta għal revoka f'termini tal-paragrafi (*a*) jew (*b*) jekk il-Kummissjoni ma tinnotifikax b'dan lill-persuna maħtura qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' prova li japplika għal dik il-ħatra, jew, fil-każ ta' ħatra li ma tkunx soġġetta għal perjodu ta' prova, sa mhux aktar tard minn

sena mid-data effettiva tagħha.

Uffiċjali b'kuntratt jew b'impjieg temporanju.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

**24.** Jekk uffiċjal pubbliku jkun iservi b'kuntratt jew ftehim li jaħseb għal *tour* residenzjali minimu ta' erba' w għoxrin xahar, il-kap ta' dipartiment għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sitt xhur qabel it-tmiem ta' dak il-kuntratt jew ftehim, avviż dwar id-data tat-tmiem tal-kuntratt jew ftehim u r-rakkomandazzjoni tiegħu jekk għandux jiġi rinnovat jew le. Kopja ta' dak l-avviż u ta' dik ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi mibgħuta lis-Segretarju Permanenti Ewlieni. Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku li jkun qiegħed iservi b'kuntratt li jaħseb għal *tour* residenzjali ta' anqas minn erba' w għoxrin xahar, l-avviż u r-rakkomandazzjoni għandhom jiġu mibgħuta tliet xhur qabel ma' l-uffiċjal imissu biex jitlaq bil-vaganzi. Il-Kummissjoni għandha tagħti parir lill-Prim Ministru jekk l-uffiċjal b'kuntratt jew bi ftehim għandux jiġi mqabbad għal *tour* ieħor ta' servizz.

Setgħa li tordna dehra quddiem il-Kummissjoni.

**25.** Il-Kummissjoni tista' teħtieġ kull persuna biex tidher u tagħti x-xiehda tagħha quddiemha dwar xi kwistjoni li teħtieġ li tiġi kunsidrata fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skond dawn ir-regolamenti u tista teħtieġ il-produzzjoni ta' kull dokumenti jew ħaġa oħra dwar dik il-kwistjoni minn kull persuna li tidher quddiemha.

Nuqqasijiet ta' uffiċjal pubbliku bħala xhud.

**26.** Kull uffiċjal pubbliku li, mingħajr raġuni xierqa, meta jkun mitlub li jidher bħala xhud jew li jipproduċi dokument uffiċjali jew ħaġ'oħra fil-pussess tiegħu, jirrifjuta jew jittraskura milli jagħmel hekk jew milli jwieġeb xi mistoqsija lilu magħmula mill-Kummissjoni jkun ħati ta' ksur ta' dixxiplina.

Dokumenti u tagħrif.

**27.** Kull uffiċjal pubbliku li huwa meħtieġ li jressaq xi kwistjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiżgura li d-dokumenti u l-karti kollha rilevanti jkunu disponibbli għall-Kummissjoni, u l-Kummissjoni tista' teħtieġ il-produzzjoni ta' kull dokumenti jew tagħrif ieħor rilevanti għall-kwistjoni li tkun qed tikkonsidra.

Sottomissjonijiet mill-kapijiet ta' dipartimenti.
*Emendat:*
*A.L. 246 tal-2012.*

**28.** Il-Kummissjoni fuq talba ta' kap ta' dipartiment għandha -

(*a*) tisimgħu persunalment dwar kull kwistjoni li jkun irrakkomanda lill-Kummissjoni; u

(*b*) tibgħat lill-Prim Ministru r-rakkomandazzjonijiet li huwa jkun għamel jew kull korrispondenza li huwa kellu mal-Kummissjoni.

Sottomissjonijiet lill-Kummissjoni.

**29.** Fil-qadi tad-dmirijiet tagħha skond id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' dawn ir-regolamenti, l-Kummissjoni ma għandhiex tieħu kont ta' ebda sottomissjonijiet magħmula lilha xort'oħra milli skond il-Kostituzzjoni ta' Malta jew skond dawn ir-regolamenti:

Iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha titqies li tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli tieħu kont ta' riferenza jew testimonjanza ta' servizz.

Lil min tintbagħat il-korrispondenza.
*Emendat:*
*A.L. 299 tal-2009.*

**30.** (*Imħassar bl-Avviż Legali 246 tal-2012*).

**31.** (*Imħassar bl-Avviż Legali 246 tal-2012*).

Kwistjonijiet għandhom jiġu mibgħuta f'erba kopji.

Direttivi mill-Kummissjoni u strumenti ta' delega.
*Emendat: A.L. 299 tal-2009.*
*Sostitwit: A.L. 246 tal-2012.*

**32.** (1) Kull talba jew direttiva mill-Kummissjoni lil xi uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità, minbarra lill-Prim Ministru, li jwettqu funzjonijiet taħt dawn ir-regolamenti jew b'xi mod ieħor taħt l-awtorità jew f'isem il-Kummissjoni, għanda tiġi mħarsa minn kull uffiċjal pubbliku, bord jew awtorità bħal dawk.

(2) Strument ta' delega maħruġ taħt l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jista' jidderoga minn dawn ir-regolamenti jew jagħmel dispożizzjonijiet alternattivi għalihom, u l-istrument tad-delega għandu għalhekk ikollu preċedenza fuq dawn ir-regolamenti.

Rapport annwali.
*Emendat: A.L. 246 tal-2012.*

**33.** Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport annwali lill-Prim Ministru.